**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru.: 4/2016**

**Trevor Buttigieg**
**(ID535558M)**
(T4B1, Caravaggio Court,
Tigne Point, Sliema)

**Vs**

**Martin John Easby**
**(ID0048076A) u Abby**
**Elizabeth Easby**
**(ID0052363A)**
(Nr. 3 High Ridge Residence,
Pedidalwett street, Madliena)

**Illum, 17 ta' Novembru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti kien permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Mejju 2009 kera lill-intimati b'effett minn dak in-nhar l-appartament numru 22, Aragon Court, Triq Qaliet, Marsascala bil-kera ta' €725 kull xahar u bil-kundizzjonijiet l-ohra msemmija fl-istess kuntratt li qed jigi hawn anness u mmarkat **dokument A** fost liema kundizzjonijiet l-intimati kienu obbligati jhallsu l-kontijiet ta' dawl u ilma u l-kera tal-meters relattivi ghall-perjodu tal-okkupazzjoni taghhom tal-fond mikri kif ukoll li kellhom jaghmlu tajjeb ghal kull hsarat li setghu talvolta jikkagunaw fil-fond u fil-mobbli ta' go fih waqt il-perjodu tal-istess okkupazzjoni.

2. Illi l-kirja giet terminata bi ftehim fi Frar 2011.

3. Illi wara t-terminazzjoni tal-kirja, l-intimati baqghu ma hallsux ghall-konsum ta' dawl u ilma bl-iskuza illi riedu jkunu jafu ezattament ic-cifra li jridu jhallsu però anki meta harget din ic-cifra u cioè s-somma ta' €1,747.82, u l-kont gie lilhom ipprezentat mill-esponenti baqghu ma hallsu xejn minkejja l-promessi taghhom li hekk kienu ser jaghmlu fi ftit zmien.

4. In oltre wara t-terminazzjoni tal-kirja, u meta c-cavetta tal-fond giet restitwita mill-intimati lir-rikorrenti dan skopra illi fil-mobbli u ambjenti ohra tal-post mikri l-intimati kienu kkagunaw hsarat, fosthom is-sufan fil-kcina liema hsarat jammontaw ghas-somma ta' €250 liema somma wkoll baqghet ma thallset qatt lir-rikorrenti kif ma thallasx lanqas il-kont tad-dawl.

5. Illi permezz ta’ avviz intavolat mir-rikorrenti kontra l-intimati fit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar fl-24 ta’ Mejju 2015 f’liema avviz ir-rikorrenti talab li t-Tribunal jikkundanna lill-intimati jhallsuh is-somma fuq indikata kien gie deciz illi t-talba in kwistjoni ma kienetx fil-kompetenza tat-Tribunal izda biss ta’ dan l-Onorabbli Bord b’din is-sentenza tigi wkoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell kompetenza Inferjuri fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Dicembru 2015 kopja hawn annessa u mmarkata **dokument B**.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord tal-Kera:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimati kkagunaw hsara fil-mobbli tal-fond lilhom mikri kif fuq intqal fis-somma ta’ €250 jew kull somma ohra verjuri li tigi llikwidata.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu din is-somma jew kwalunkwe somma ohra li tigi illikwidata minn dan il-Bord.

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma ta’ €1,747.82 ammont rapprezentanti konsum ta’ dawl u ilma da parti taghhom waqt li huma kienu qed jikru l-fond in kwistjoni u liema ammont gie mhallas mir-rikorrenti nnifsu.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk extra gudizzjarji kontra l-intimati, inkluzi wkoll dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta’ Mejju 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru tal-24 ta’ Mejju 2011 u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tal-kont tad-dawl u ilma u in kwantu

ghall-ammont imsemmi ghall-hsarat mid-data tat-terminazzjoni tal-kirja, sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-intimati li tghid hekk:

1. Illi fir-rigward tat-talba ghall-kumpens ghal allegati hsarat, din hija preskritt bit-trapass ta' sentejn, u dan skond artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju, jekk it-Tribunal ma jaqbilx mal-ewwel eccezzjoni tal-esponenti, tali talba ghall-kumpens ghall-allegati hsarat hija preskritta bit-trapass ta' hames snin, u dan skond artiklu 2156(c) u (f) tal-Kodici Civili;

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-attur, cioè it-talba ghall-hlas ta' €1,747.82 rapprezentanti allegat konsum tad-dawl u ilma, din di t-talba hija ukoll preskritta bit-trapass ta' hames snin ai termini ta' artiklu 2156 (c) u (f) tal-Kodici Civili;

4. Illi minghajr pregudizzju, ebda ammont mhu dovut mill-esponenti lill-attur;

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil dan it-Tribunal jichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Ra d-digriet tieghu tas-27 ta' Ottubru 2016;

Sema' l-provi;

Ra u qies l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimati u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni;

Ra illi l-intimati baqghu ma dehrux biex jikkontestaw l-istess kapitoli.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob (a) dikjarazzjoni illi l-intimati kkagunaw hsara fil-mobbli tal-fond lilhom mikri fis-somma ta' €250 jew kull somma ohra verjuri li tigi llikwidata, (b) kundanna lill-intimati ghall-hlas ta' din is-somma jew kwalunkwe somma ohra li tigi llikwidata mill-Bord, u (c) kundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma ta' €1,747.82 ammont rapprezentanti konsum ta' dawl u ilma da parti taghhom waqt li huma kienu qed jikru l-fond in kwistjoni u liema ammont gie mhallas mir-rikorrenti nnifsu. Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Illi minkejja li l-intimati pprezentaw risposta, din kienet tardiva u l-intimati ma ghamlu l-ebda talba ulterjuri dwarha jew fuq binarji ohra, wara d-digriet tal-Bord tas-27 ta' Ottubru 2016.

Illi l-intimati ma dehrux quddiem il-Bord tul dawn il-proceduri u fl-ahhar seduti lanqas kienu rapprezentati minn konsulent legali tal-fiducja taghhom;

Illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimati u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni;

Illi l-intimati baqghu ma dehrux fis-seduta ta’ wara sabiex jikkontestaw il-kapitoli prezentati kontra taghhom. Illi l-intimati ghalhekk ma kkontestaw bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi mix-xhieda u dokumenti prodotti mir-rikorrenti, t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur